# IL-MALTI

## QARI

UNIVERSITY OF MALTA

LI TOĦROĠ

L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(Għaqda tal-Kittieba tal-Malti)

KULL TLIET XHUR

ID-DISGĦA U ERBĦIN SENA

1973

Veritas Press
Żabbar
MALTA — 1973

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ
**L-AKKADEMJA TAL-MALTI**

MARZU
1973


# IL-KITTIEBA F'SAN ANTON

*Il-Palazz ta' San Anton ra slaten u kbarat, iltaqgħu fih ġemgħat ta' nies magħrufin u miqjumin, saru fih ġrajjiet li nkitbu fl-istorja ta' pajjiżna, imma ftit kienu dawk li xi darba għaddielhom minn rashom li qatt kellha tiġri dik il-laqgħa li saret f'dak il-Palazz nhar is-Sibt, 2 ta' Diċembru 1972, meta l-Eċċellenza Tagħhom Sir Anthony u Lady Mamo stiednu lill-kittieba Maltin biex igħaddu sagħtejn magħhom.*

*Dik l-istedina mill-ewwel Gvernatur Malti lill-kittieba Maltin hija xhieda u turija ta' fehma ġdida fil-Mexxejja ta' l-Istat u fl-istess waqt hi wkoll rahan ta' risq u fejda għall-koltura Maltija. B'dik l-istedina, il-letteratura Maltija ġiet magħrufa fis-swali tal-Kap ta' l-Istat u meqjusa xejn anqas minn opri oħrajn mnebbhin mill-arti u mfissrin mill-ġenju.*

*Dik il-laqgħa tibqa' mfakkra fl-istorja tal-letteratura Maltija. Kienet ġemgħa ta' nies intellettwali, imħalltin fl-età, fix-xogħol, fil-ġibdiet, fil-fehmiet tagħhom, imma magħqudin flimkien bħal aħwa f'ħaġa waħda: il-ġibda lejn ilsien art twelidhom u kollha mixgħulin b'xewqa waħda, dik li jaraw il-kitba bil-Malti tgħaddi 'l quddiem, tieħu sura nazzjonali togħla f'għajnejn il-barranin u tagħmel ġieh lil din l-art ħelwa tagħna.*

*Kienet lejla ta' seħer għal dawk li jħobbu l-letteratura. Kien hemm fuq il-mitt kittieb mistednin, kollha tħalltu u ferħu b'xulxin u tkellmu fuq il-ħsibijiet li kellhom f'moħħhom, fuq il-ġmiel tal-kitba u fuq is-sejħa li jħossu biex ifissru bis-sengħa u s-sbuħija tal-pinna, il-ħsibijiet li jdawwlu lil moħħhom u l-ħrara li tħeġġilhom qalbhom.*

*Il-kittieba Maltin urew li għandhom ħażna ta' għerf u għaqal, u jafu jitkellmu u jafu x'igħidu fuq bosta u bosta għamliet u xejriet ta' kitba. Huma wrew li jistgħu jidħlu f'kull soċjetà u jiltaqgħu ma' kull klassi ta' nies, u fuq kollox għandhom ħabta jfissru l-fehma tagħhom bil-għaqal u bil-ħeġġa bla ma jdejqu lil min ikun jitkellem magħhom. Il-konversazzjoni tagħhom bejniethom u mal-Gvernatur u s-Sinjura Tiegħu, urew il-ħila tal-mistednin mhux biss bħala kittieba imma wkoll bħala kelliema.*

*Aħna ħassejna għaxqa ta' qalb għal dik il-wirja ta' rabta bejn il-kittieba Maltin u l-Kap ta' l-Istat, fraħna meta rajna kemm mexa 'l quddiem l-ideal li għalih twaqqfet l-Akkademja tagħna, u għaddielna ħsieb minn moħħna, ħsieb ta' hena u faraġ, imma*

*fl-istess waqt ta' niket: hena u faraġ għall-qagħda li fiha ninsabu aħna l-kittieba tal-lum, u niket għall-imrar li xorbu dawk ta' qabilna. Qatt kienu jobsru l-kittieba bil-Malti ta' mitt sena ilu, li dawk ta' warajhom kellhom ikunu milqugħin bil-ġieħ kollu fil-Palazz tal-Kap ta' l-Istat ta' Malta!*

## IL-PROGRESS

Darba kienet xewka u issa saret warda,
Darba sejħulu vizzju, issa saret marda.

Darba bil-mistħija għednielu adulterju,
Issa b'daħka f'wiċċna neħħejna kull misterju.

Darba, skond San Pawl, l-anqas ma kien jissemma,
U issa fuq sidirna kburin inġibu stemma.

O tempora, o mores! darba għajjat Ċiċerun,
Jekk issa tgħajjat bħalu jgħidu li int miġnun.

Titla' x-xemx u tinżel, jitbiddlu ż-żminijiet
U ż-żmien ikaxkar miegħu il-bidla tad-drawwiet

Novembru 1971 **J.P. VASSALLO**

## ĦAJTEK ŻAGĦŻUGĦ

Żagħżugħ la taħlix ħajtek!
Sabiħa wisq biex taħt saqajk tarmiha!
Biss mingħajr uġigħ tal-ħlas xejn ma jitwieled
u l-irġulija tiegħek, wild żgħożitek —
la hi wild ommok li batiet biex ratek
lanqas ma waqgħet mis-smewwiet waħidha:
Żagħżugħ la taħlix ħajtek,
sabiħa wisq biex taħt saqajk tarmiha.

Kull ma tixtieq, jekk tagħraf taħdem, jasal —
kull ħolma, l-iżjed fina, tgħixha kollha,
ma jasalx biss min jogħġbu l-għażż u s-sħana
mill-mixjiet sbieħ tax-xemx f'lok m'n id felħana —
Żagħżugħ la taħlix ħajtek:
Sabiħa wisq biex taħt saqajk tarmiha!

**Wallace Ph. Gulia**

# FTIETAQ ĊKEJKNIN

## TA' GER. AZZOPARDI

**Rajt Ma Rajtx.**

Għal żmien twil kont noqgħod f'tarf ir-raħal u mhix l-ewwel darba li ħriġt mid-dar u mort dawra qalb ir-raba' u din tennejtha bin-nhar u bil-lejl.

Darba, kien ġa dalam, bil-lajma nilmaħ tnejn min-nies f'rok-na. Kont qrobt sewwa x'ħin indunaw bija u malli qbiżthom nisma' "Madonna, dak G., rana!" u jien bqajt miexi u meta t-triq ilwiet u ma bqajtx nidher minn fejn kienu huma, jien għaġġilt u dort mill-iqsar mogħdija għad-dar. Xgħelt il-lampa, ftaħt nofs tieqa biex id-dawl jidher u ftit wara, mid-dlam li kont fih, nilmaħ mara nieżla u kif ħarset lejn it-tieqa għaraft sewwa min kienet.

Biex naslu l-knisja aħna ridna ngħaddu minn quddiem din il-mara u l-għada, meta ħuti marru l-knisja bħas-soltu wara l-"Ave", din il-mara ġiet għandna taparsi tistaqsi għal oħti.

Meta rat li jien kont waħdi qaltli "ħares, il-bieraħ inti għaddejt minn fejn tal-... u rajtni ma' raġel, qis li ma titkellimx għax niġi fil-għali". Jien ċħadt li kont għaddejt minn hemm u "iva, inti kont, għa-raftek tajjeb jien" tenniet il-mara. Jien għidtilha li issa naf li hi kie-net hemm f'dak il-ħin. Hija riditni ngħidilha li kont jien li rajtha biex isserraħ rasha li mhix sa tinkixef (u min-naħa tiegħi jien qatt ma għidt min kienu dawk it-tnejn) iżda li għidt "Iva" u għada pitgħada jisimgħu tal-familja, aktarx li kont neħel li tkellimt jien! U jien u dil-familja bqajna ħbieb u nsellmu lil xulxin fejn niltaqgħu.

Ftit żmien ilu — u d-dinja ċkienet ferm — jien u dil-mara, illum nanna ta' xi erbgħa, niltaqgħu f'belt barranija u ssemmiet din il-fet-tuqa u fissirtilha l-għaliex ma għidtilhiex dik l-"iva" li tant xtaqet. Hija qaltli li waqt li mġibti baqbqitha sħiħ kienet il-kawża li qab-det triq aħjar.

U għidt waħdi "għall-anqas mixja għal kwiet swiet nitfa ġid".

* * *

**Dik Tgeżwira!**

Min iħobb il-kelb iħobb lil sidu, igħid il-qawl, u jien li nħobb 'l uliedi, inħobb lil ħbiebhom għax iħobbuli 'l uliedi! L-aħwa Bandala ħbieb barranin ta' binti, għandhom dar ċkejkna ftit 'il bogħod minna u qabbduni neħdilhom ħsiebha u bagħtuli ċ-ċwievet.

Kont qiegħed inperriċha ftit u nnaddaf xi naqra, ftit ġimgħat ilu, qabel ma jiġi wieħed midħla tal-Bandala li krieha għax ġej jaħdem hawn Malta. L-għada li dal-flien wasal f'Malta ġie biex jara d-dwejra l-ġdida tiegħu u għoġbitu ferm u bqajna li kif ikun lest l-irtokk u t-tikħil nagħtih iċ-ċavetta,

Malli dax-xogħol tlesta ħadt lil min jaħsel l-art u l-ħġieġ u kif qiegħed bil-bieb miftuħ għal xi l-10. a.m. waqt li kont qiegħed f'kamra tal-ġenb nirranġa kwadru nara fuqi sinjur, li kif rani nstamat, żamm in-nifs, neħħa n-nuċċali u beda jimsħu, sellimtlu u tlabtu f'hiex nista' naqdih. Hu ma setax isib il-kelma f'ilsienu u għaddiet minuta meta jtemtem qalli "Janina l-Bandala hawn qegħedha"? Jien tennejt warajh "Janina l-Bandala?" u hu kompla billi qalli li kellu jiltaqa' magħha f'dal-lok, f'dal-jum u f'dal-ħin. Jien għidtlu li jew il-Bandala jew jien imġienen! "Għala", qalli mistagħġeb. "Dan meta qalithulek Janina?" staqsejtu. Malli wieġeb li xi ħmistav ilu, jien tennejtlu li jew huma jew jien, jew huma stess, jew it-tlieta f'daqqa aħna mġieġen, għaliex mill-ewwel ta' Settembru l-post krewh lil wieħed li ġa ġie u li llum għandna 4 mix-xahar (fil-fatt dak in-nhar kellna 5) u hu kellu jiltaqa' mal-Bandala hawnhekk! U sa n-numru tat-telefon tatu, meta m'hemmx wieħed fid-dar!

"Imġienen le" qalli, "ma ftehemniex, jista' jkun, forsi tatni diddata tal-lum għal Allington, allura u mhux għal Malta!" (Das-sinjur kien niżel Malta ħmistax qabel).

Hawn jien staqsejtu min hu u qalli "jiena PiLiPi" u jien G.A. għidtlu waqt li newwiltlu idi maħmuġa kif kienet.

Lewnu sar lewn il-qarsa tax-xema' imma l-kesħa t'idu kienet kesħa tal-qabar!

Tħassartu ħiereġ lejn il-karozza tedeska ta' ħames numri, li b'kollox iġibu l-għadd ta' 27, bil-kemm jiflaħ jiċċaqlaq għax kbira kienet il-ħasda li ħa malli baqa' dieħel hemm ġew bla ma ħabbat, ċempel jew tkellem u sab ma' wiċċu lili u mhux il-ħaruf li kellu jkun jistennieh u lanqas lil Janina ma kellu jsib.

Illum kollox sar artifiċjali, lanqas is-sewwa magħruf ma tista' taqbad b'idejk, imma x-xitan bla ħalib jagħmel l-isbaħ ġbejniet!

L-għada fil-15 a.m. inkun kantuniera bogħod mid-dar tal-Bandala u kif nasal quddiem djar sbieħ ferm naħbat wiċċ imb'wiċċ ma' PiLiPi ħiereġ minn waħda minn dawn id-djar.

"Heqq, X'hemm" għidtlu jien, hekk kif waqaft.

"Trid lil dawn", staqsieni mbegħren. "Dawn min huma" staqsejt jien. "Skoċċiżi", qalli, "ma nafx kunjomhom", u mar inqafel fil-karozza u telaq u ħallieni wieqaf miblugħ, miblugħ inħares madwari biex nilmaħ xi geżwira, iżda flok geżwira, ftit wara, nilmaħ bħal kap-

pun ta' soru.

Janina l-Bandala qaltli f'ittra, ġimgħat wara, li ma ratux kemm dam fl-art tagħha u li lanqas ma kellha tiltaqa' miegħu hawnhekk!

Minn dak in-nhar sal-lum il-ħin kollu ngħarrex biex nara nilmaħx lil PiLiPi, ħalli forsi jħottli it-tgeżwira li biha huwa geżwer il-geżwira ta' fejn Sant Anton, u li għadha mgeżwra fiha sal-lum!!!

# KIF BDIET U MXIET L-AKKADEMJA TAL-MALTI

### Tagħrif miġbur minn G. Zarb Adami

Kif ġa tarraft, il-Kommissjoni dwar l-Alfabet u l-Grammatka riedet li l-ewwelnett jintlaħaq ftehim fuq l-ittri ta' l-alfabet: dan kellu jkun fonetku u etimoloġiku u għalhekk jaħseb għal dawk l-ilħna fl-Ilsien Malti li ma jeżistux fl-ilsna neo-latini billi l-alfabet kellu jkun dak ġa użat mill-maġġuranza tal-kittieba, jiġifieri l-alfabet. B'dan l-iskop, il-Kommissjoni hejjiet rapport jew aħjar abbozz ta' l-alfabet li kien stampat fit-Tipografija G .Muscat u qassmitu lill-Membri; dan, imbagħad, tressaq quddiem laqgħa ġenerali fit-18 ta' Diċembru. 1921. li għaddietu bit-tibdil ta' żewġ ittri. Jisgħobbija li qatt ma ġiet f'idejja kopja ta' dan ir-rapport. Jekk hawn xi ħadd li għandu aktar minn kopja waħda jagħmel tajjeb joffri waħda minnhom lill-Akkademja.

Hawn ta' min ifakkar li kien Mikiel Anton Vassalli l-ewwel wieħed li għażel u sawwar ittra waħda għal kull leħen; warajh taw il-kontribut tagħhom l-Accademia Filologica u x-Xirka Xemia, kif ukoll Ġanni Vassalli fil-Muftieħ tal-Chitba Maltija li ippublika fl-1901.

Il-Kommissjoni tal-Għaqda tal-Malti ħadet mill-Accademia Filoloġica l-ittri ċ, ġ u l-għ (għajn) — għall-għ il-Kommissjoni kellha titqanna u tinqeda biż-żewġ ittri g u ħ mqegħdin ħdejn xulxin billi fil-laqgħa tas-26 ta' Diċembru 1920, li saret ma' l-istampaturi dawn qalu li ma kellhomx tipi speċjali għaliha u milli jidher ma kenux lesti jġibuhom malajr; u mix-Xirka Xemia ħadet il-k, il-q u l-w; għal dawk li huma regoli grammatikali, il-Kommissjoni mxiet x'aktarx fuq dawk tal-Muftieħ li huma mibnija fuq is-sies tal-aċċent u li ma jaqbelx ma' dak tal-Għarbi. Kif hu minnu, u kif jidher ċar mid-dizzjunarju sew ta' Vassalli kemm minn dak ta' Falzon fil-Malti jinħassu żewġ ħ u żewġ għ, imma nqata' li jintużaw ħ waħda u għ waħda ħalli jonqos it-tfixkil, l-aktar billi l-pronunzja mhux dejjem tgħin.

Kif wieħed jista' jaħseb, mhux mill-ewwel kulħadd qabel u bdew jidhru għadd ta' ittri fuq dan is-suġġett, x'aktarx fi IL-HABIB l-or-

ganu tal-Unione Cattolica San Giuseppe tal-belt Valletta; insibu, infatti li ħadu sehem f'din id-diskussjoni, fost l-oħrajn, l-Avukat Ġużè' Micallef, Monsinjur Psaila, is-Sur Nin Cremona u s-Sur Ġann Vassallo; oħrajn, li għal xi raġuni jew oħra ma ridux joħorġu fil-pubbliku kienu jiktbu privatament lis-Segretarju, is-Sur Franġisku Saverju Caruana.

Dan ma qatax qalb il-Għaqda, anzi aktar saħħaħha fil-fehma tagħha u wrietha l-ħtieġa ta' alfabet wieħed għal kulħadd; darba mgħoddi l-alfabet issokta x-xogħol fit-tħejjija tal-grammatika, li tlestiet wara sentejn u rat id-dawl fl-1924 għaliex l-istampar li sar birreqqa ħa kważi sena. L-isem ta' din il-grammatika hu: TAGHRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA — biċċa xogħol li kienet l-aktar frott talħidma bla mistrieħ tas-Sur Nin Cremona, megħjun mis-Sur Ġann Vassallo.

Imma l-Għaqda ma kellhiex flus biex tistampa dik l-opra monumentali; għalhekk twaqqfet Kommissjoni magħmula mis-Sur Nin Cremona, is-Sur Ġużè' Darmanin Demajo, is-Sur Alfons Maria Borg, u s-Sur Robert Benċini biex tistħarreġ il-qagħda finanzjarja u tagħmel suġġerimenti: riżultat ta' dan kien il-Kunċert li sar fit-Teatru Manoel fit-3 ta' Frar, 1923. F'dak li hu ġbir ta' flus, is-suċċess ma kienx xi ħaġa tal-għaġeb, iżda l-Ilsien Malti tressaq imlibbess kif xieraq għall-ewwel darba fil-pubbliku, għaliex wara id-diskors tal-ftuħ mill-President, il-Kavalier Ġużè' Muscat Azzopardi, li fih wera x'kienet il-fehma u x'kienu l-ħsebijiet tal-Għaqda, inqraw poeżiji bil-Malti, fosthom "Il-Għanja tal-Malti fl-Amerika" ta' Dun Karm, sar "resume'" drammatiku tal-"Fidwa tal-Bdiewa" ta' Ninu Cremona, indaqqu biċċiet ta' mużika ta' kompożituri maltin, tkantaw żewġ rumanzi bil-Malti, inżifnet il-kuntradanza maltija, u l-kunċert ingħalaq bil-kant ta' l-Innu Malti — l-ewwel darba li nstema' — versi ta' Dun Karm u mużika tal-Professur R. Samut.

Għalhekk, billi l-għan tal-Għaqda ma setax jibda jseħħ qabel ma toħroġ il-grammatika kellha ssir xi ħaġa oħra, u fis-27 ta' Frar, 1923, il-Kunsill għamel talba lill-Gvern biex jew jagħti £30 għall-istampar tal-ktieb jew jistampah hu stess fl-istamperija tiegħu. L-ewwel tweġiba kienet negattiva, iżda wara proposta mressqa fil-Parlament fit-22 ta' Nivembru, 1923, mis-Sur Turu Mifsud, Membru Parlamentari Laborist u li dak iż-żmien kien ukoll Viċi President tal-Għaqda, il-Prim Ministru, l-Avukat Franġisku Buħagiar, laqa' x-xewqa tal-Għaqda, u b'hekk it-TAGHRIF ġie stampat mill-Gvern u ħareġ f'Novembru, kien jinbiegħ għaxar soldi. Tista' tgħid li bil-ħarġa tat-TAGHRIF bdiet tidher il-ħajja tal-Għaqda.

**(jissokta)**

# "IS-SUR TA' TFULITI"

## TA' DANIEL MICALLEF

Tiftakar meta ċkejken ċkejken
Bil-ġirja lejk kuljum kont naħrab,
U nixxabbat, sakemm spalltek
Nxtħett kull darba b'qalbi tħabbat;
U blajt il-ħobż bla sabar,
Xrobtu bħall-għasel
Qabel daqq il-qanpiena
Biex lura għall-jasar
Fuq qalbi, ma' sħabi mill-ġdid nissakkar,
U ntenni magħhom... warajhom,
Dak li l-għalliem kien xtaq idaħħal
Ġo moħħi mtajjar u ferrieħ?
        Kemm tgerbeb żmien.
'Ma miġbud lejk għadni
Aktar minn qabel:
Isbaħ int issa;
Qed nilmaħ dwari, hemm taħti,
Ma' kullimkien jittajru
L-għasafar tal-bejt wil-bufula tgħanni;
Sidrek imlibbes b'ward il-kappara.
Wil-qasab jitbandal maż-żiffa
Li ħelwa tħaddnek.
Arak,
Kif kont għadek imżejjen:
Il-qamħ dehbi mifrux fejn riġlejk,
Ferrieħa u qribek setgħana.
......Nixtieq intir, nissiefaħ qribek.
U mmiss ġebla ġebla
Is-saħħa ta' driegħek.
        Kemm għaddew snin.
        Kemm ġnus ittajru.
        Kulħadd ġie u telaq
Baqa' biss int
Biex tfakkar l-għemil tagħhom:

Għadek kif kont,
Kollox dwarek għadu:
...... għebu biss
Dawk li qabilna ħassew u xtaqu,
U bil-ħerqa wettqu, u ferħu
X'ħin rawk hekk kbir setgħani,
Għelm ħaj
Tat-twemmin tagħhom.
Fejn huma dawk li ħolqu surtek,
Għadhom xejn jersqu lura lejn djarhom
Jitniehdu li ħadd ftakarhom?
Kulħadd insiehom.
Għidli min huma,
Halli mill-ġdid l-għanja tagħhom
Nerġa' ngħannilhom:
Naf li issa jistħu
Għax barra minn żmienhom
Hadd ma jifhimhom,
Għalhekk jersqu
U mbiegħda, imgerrxa huma jżommu,
taħtek moħbija.
'Ma lmaħthom dan l-aħħar
X'ħin f'dawl ta' berqa
Rajt jiżgiċċaw dellijiet mlebbta
U bħal leħħa ħarbu:
Kien baqa' biss x'ħin sebaħ
Dak li jien issa fid-dawl qed nara,
Kif fi tfuliti niftakrek sabiħ.
Erġajt mill-ġdid inħossni sirt tfajjel:
Ara għadhom hemm l-għasafar igħannu,
Hemm il-bufula, hemm il-kappara,
U l-irziezet rieqda mkenna minn ġmielek,
U qalbi għadha tħabbat,
Bħal meta ċkejken ixxabbatt miegħek:
Iż-żmien m'hu xejn għalik u għalija.

# L-Ewwel Lejla Letterarja ta' L-Akkademja Tal-Malti

Nhar it-Tlieta, 7 ta' Novembru, fit-Teatru Manoel l-Akkademja tal-Malti tat bidu għal sensiela ta' laqgħat letterarji li beħsiebha tkompli torganizza fil-ġejjieni. X'uħud qalu li t-Teatru ftit ra dik l-attendenza kollha f'laqgħat letterarji bħal dawn.

Il-poeta Dr. Anton Buttigieg BA LLD, Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari fetaħ din is-sensiela ta' laqgħat.

Il-President ta' l-Akkademja, il-Professur Ġuże' Galea fetaħ il-lejla billi qal li din is-sensiela ta' laqgħat kienet tagħmel sehem mill-ħidmiet tal-Għaqda fl-okkażjoni tal-50 sena mit-twaqqif tagħha. Huwa qal li ħafna kienu l-ħidmiet li saru fl-imgħoddi u bosta oħrajn huma mħejjija għall-ġejjieni, fosthom il-konkors tad-drama li qed tniedi.

Imbagħad il-Professur Galea talab lil Dr. Buttigieg biex jibda jaqra u jikkummenta fuq il-poeżija tiegħu. Dr. Buttigieg qassam il-qari tal-versi tiegħu f'ħames suġġetti: in-natura; in-niket, is-satira u l-umoriżmu, versi soċjali u oħrajn patrijottiċi u ta' lewn lokali.

Dr. Buttigieg qal li huwa beda jikteb il-poeżija fuq ix-xejra ta' William Wordsworth u wara l-ewwel żewġ volumi ta' poeżiji, il-kritiċi tawh l-isem ta' "Il-Poeta tan-Natura". Fost il-poeżiji li jitrattaw dan is-suġġett, Dr. Buttigieg qara "Il-Ħolma t'Alla" u "L-Għanja taċ-Ċaqliq".

Dr. Buttigieg qal li huwa kiteb fuq is-suġġetti kollha u kien wieħed mill-pijonieri tal-letteratura Maltija l-ġdida għax daħħal il-metri u l-istili kollha li hemm fil-letteratura barranija. Huwa qal li dejjem ħares lejn il-ħajja bl-ottimiżmu u s-sabar u qatt ma qata' qalbu mill-ħajja. Għalhekk qal li aktar iħobb li jkun imsejjaħ "Il-Poeta Ottimista".

Dr. Buttigieg għalaq il-lejla billi qara l-poeżija "Il-Kappella tal-Paċi", poeżija mnebbħa mil-Laboratorju tal-Paċi li hemm f'Ħal Far fejn isaltnu flimkien is-skiet, il-folklore u l-paċi. Din hija poeżija twila li timraħ ma' l-inħawi tal-Laboratorju u tiġri ġirja mad-drawwiet tal-poplu Malti. Dr. Buttigieg ħabbar li din il-poeżija qed tiġi immużikata mis-surmast Carmelo Pace u se tiġi ippreżentata 'l quddiem bil-għajnuna tal-ballet u l-kant minn sopran u kor.

Il-Professur Ġuże' Galea għalaq il-lejla letterarja billi iżża ħajr lill-Poeta Buttiġieġ u lil dawk li taw l-appoġġ għall-ħidma l-ġdida ta' l-Akkademja tal-Malti.

**Pawlu Cachia**
**Segretarju Propaganda**
**tal-Akkademja tal-Malti**

# Rapport Amministrattiv 1969 - 1972

**imhejji minn CHARLES COLEIRO**

Meta fl-ewwel laqgħa tal-Kunsill ta' wara l-Laqgħa Ġenerali li saret nhar is-16 ta' Novembru, 1969, sħabi ħatruni assistent tas-Segretarju, is-Sur Godfrey Żarb Adami, qatt ma ħlomt u xejn ma għaddieli minn rasi li f'Laqgħa oħra Ġenerali kelli nhejji u naqra rapport li jiġbor fih il-ġrajjiet li twieldu fi ħdan l-Akkademja u r-rabtiet li saħħu l-Għaqda tagħna fil-ħajja u s-Soċjetà Maltija, fix-xhur li għaddew.

U biex inkompli fuq dan l-isfond ta' ħidma u ħaddiema, inħoss li jekk dan ir-rapport jagħsar il-għaraq tax-xogħol li twettaq, il-ħlas (għall-inqas tal-ġieħ mistħoqq) għandu jmur għal wieħed mill-pijunieri, ġa msemmi, u li llum minħabba raġunijiet ta' saħħa ma setax jaraħ mitmum.

Nistgħu ngħidu li l-ewwel ħidma li daħal għaliħ il-Kunsill b'Kummissjoni magħmula mill-Viċi-President u s-Segretarju Propaganda kienet il-publikazzjoni ta' Memorjal dwar l-Ilsien Malti jew kif ġie mfisser, stqarrija tal-fehmiet patrijottiċi li l-Akkademja twaqqfet biex tħares, bit-tama li l-fehmiet dwar il-valuri patrijottiċi tal-poplu Malti jissaħħu dejjem aktar.

Is-Sitt Punti mressqa jiġbru l-frieghi kollha li joħorġu minn Ilsien Artna bħala wirt nazzjonali, b'sejħa fil-bidu lill-ġenerazzjonijiet tal-lum biex, bi dmir, iħarsuh u jgħadduh sħiħ lil ta' warajhom; bi twiddibiet xierqa li l-ilsien tal-barranin ma għandu qatt jieħu post il-kelma Maltija u li kull ma għandu x'jaqsam mal-poplu Malti għandu jieħu l-ikbar sehem fis-sistemi edukativi kollha, u fl-aħħar; twissija biex id-drittijiet tal-Kittieb Malti jitħarsu bl-istess kriterji kif jitħarsu l-jeddijiet tal-kittieba tal-Kontinent Ewropew li minnu Malta tagħmel sehem.

Il-Memorjal li jġib fuq nett is-silta illum magħrufa sewwa 'Malta fil-Lsien u l-Qalb, Malta Maltija', ħareġ nhar is-27 ta' Lulju, 1970 u ntbagħat mill-ewwel fost l-oħrajn, lill-Partiti Politiċi li kienu ser jikkontestaw l-Elezzjoni (li kienet tidher fil-qrib.) L-għan kien li fil-programmi elettorali naraw li l-Ilsien Malti jsib in-niċċa li jistħoqqlu.

L-aħħar punt li semmejt fil-Memorjal igħaqqadna ma' ħsieb ieħcr dwar il-Liġi li kienet għaddiet fil-Parlament ftit ġimgħat wara l-ħatra tal-Kunsill u li tat bħala dritt lill-awtur 25 sena biss.

L-Akkademja ħatret kummissjoni magħmula mill-Professur Ġużè Aquilina u s-Sur Victor Apap biex tistħarreġ bir-reqqa din il-Liġi u bagħtet lil dawn ir-rappreżentanti għal-laqgħa msejħa mill-Un-

joni Kompożituri u Awturi Maltin (UKAM) bħala protesta. Dak inn-ħar il-Prof. Aquilina kien qal bir-raġun kollu li l-klawsola li torbot id-dritt tal-awtur għal 25 sena tinsab biss f'pajjiżi Afrikani.

In-nuqqas ta' Kotba bil-Malti fl-Iskejjel kien ukoll suġġett li qanqal l-Akkademja biex issemma' leħinha. Din id-darba saret stedina lill-Għaqdiet u Movimenti tal-Malti biex jibagħtu rappreżentanti għal-Laqgħa tal-Kunsill imsejħa għalhekk fid-Dar ta' l-Akkademja, fl-10 ta' Novembru, 1970. Fost id-deċiżjonijiet li ttieħdu, insemmi li l-Għaqdiet kellhom jagħżlu nies imħarrġa fis-sengħa tal-kitba biex iħejju l-kotba għall-iskejjel u jibdew minn dawk l-iżjed żgħar biex ikunu l-bażi xjentifika tal-kotba l-oħra. Wara kellu jiġi mħejji 'prospectus' għal "Limited Liability Company" li tiffinanzja d-Dar tal-Kotba għal dawk bil-Malti. Jisgħobbina ngħidu li s'issa, mhux ħtija tagħna, dan il-proġett għadu ma seħħx.

Mill-banda l-oħra l-Akkademja laqgħet bil-ferħa l-aħbar li t-tagħlim tal-Malti beda mill-ewwel klassi fl-iskejjel tal-Gvern u li l-għadd tal-perijodi tat-tagħlim tal-Malti kien irdoppja fl-Iskejjel Sekondarji u xewqa oħra mitmuma... l-Istorja ta' Pajjiżna bdiet tiġi mgħallma b'Ilsienna fl-iskejjel kollha tal-Gvern. Is-Segretarju, li bħala Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni kellu sehem mhux żgħir f'din il-bidla kien kiteb ittra ta' radd il-ħajr lill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu, kif għamel ukoll meta smajna bl-aħbar oħra sabiħa tal-Liġi li għamlet l-Ilsien Malti wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Università Rjali ta' Malta.

U la semmejna dan il-Ministeru, nixtieqi ngħidu wkoll li l-Akkademja kellha sehem importanti fit-twaqqif tal-Premjijiet tal-Letteratura (b'kollox £160) li issa qegħdin jingħataw kull sena lill-Kittieba tal-Malti li joħorġu l-kotba. Jirrappreżenta l-Akkademja fil-Bord hemm il-President.

Il-President tal-Akkademja, għamel fondazzjoni ta' £400 biex isir 'lecture' kull sentejn fl-Università Rjali ta' Malta dwar l-Ilsien Malti, minn persuna magħrufa f'dan il-qasam. Ġie mwaqqaf Kumitat jew 'trust' mill-Università biex jaħtar l-oraturi u biex jorganizzaw iċ-ċerimonja skond il-ftehim. Rappreżentant tal-Akkademja ser ikun dejjem f'dan il-Kumitat u l-Kunsill ta' l-Akkademja deherlu li ħadd għajr mill-President, bħala l-istess Fundatur ma seta' jirrappreżentaha aħjar.

L-Università qed twiegħed ukoll li tiġbor f'publikazzjoni dan ix-xogħol ta' riċerka u studju dwar aspett jew ieħor ta' l-ilsien Malti. Imissu jiftaħ din is-sensiela il-Prof. Ġ. Aquilina f'Novembru li ġej.

Dwar il-Malti fil-G.C.E. Advanced Level, kien tqanqal xi dubju li dan l-eżami jista' 'l quddiem ikun inferjuri għall-eżami ta' l-istess

suġġett fil-Matrikola u għalhekk l-Ilsien Malti jonqoslu s-siwi tiegħu fid-dħul għall-korsijiet fl-Università. Il-President u s-Segretarju ġew imqabbda mill-Kunsill biex jitkellmu mal-Professur Aquilina dwar din it-theddida u meta fissrulu l-biża' tagħhom huwa tahom x'jifhmu li l-qagħda tal-Malti kienet ser tibqa' kif kienet f'dak li għandu x'jaqsam mal-livell ta' l-eżami.

L-Akkademja, fuq stedina tal-Association for Commonwealth Literature ingħatalha l-ġieh li taqsam l-ibħra u jkollha sehem fil-Konferenza ta' l-Ilsna tal-Commonwealth li saret f'Kingston, il-Ġamajka fir-Rebbiegħa ta' l-1971. Il-President mibgħut f'isem l-Akkademja ippreżenta teżi dwar l-Ilsien Malti u l-Ġrajja tiegħu u kellu merħba sabiħa mid-delegati preżenti. Meta reġa' lura huwa qal fost ħwejjeġ oħra li fuq suġġeriment tiegħu kienu ser jittieħdu passi biex jiġu maqluba bl-Ingliż ix-xogħlijiet letterarji l-aktar magħrufa ta' l-Artijiet tal-Commonwealth.

Il-pont tal-letteratura li jgħaqqad pajjiż ieħor ifakkarni fiż-żjara li għamlet fostna 'Madame Ropa', mart il-poeta ambaxxatur tal-Letteratura Maltija Laurent Ropa. Fil-"Vermouth d'Honneur' li sar b'ġieħha fis-Sala Saint Albert the Great, organizzat mill-Akkademja, ir-Rev. Professur Patri Seraphim Zarb qara diskors bil-Franċiż imħejji għall-okkażjoni fejn fakkar il-ħidma tal-poeta u s-sehem tiegħu bħala Malti li baqa' Malti.

L-Akkademja raddet ukoll ġieħ lill-poeti oħra llum mhux magħna: Rużar Briffa u Ġuże' Bonniċi li kien jixirqilhom jibqgħu imfakkra għall-ħidma tagħhom fil-qasam lingwistiku u letterarju ta' l-ilsien nazzjonali tagħna, fl-Università bħala wliedha li fost il-ftit ħadmu biex jaraw il-Malti fuq il-pedestal li jixraqlu. B'kordinazzjoni ma' l-Għaqda tal-Malti (Università) u s-Sinjorina Karmen Mikallef Buħaġar l-Akkademja temmet xewqa oħra — dik li tara rħama b'isem iż-żewġ kittieba tobba fuq il-ħitan ta' l-Università, fis-Sala tal-Libreri-ja, tal-Qroqq. Fiċ-ċerimonja tkellmu l-Presidenti taż-żewġ għaqdiet u s-Sur Ġuże' Cardona, fil-preżenza tas-Sinjorina Mikallef Buħaġar li kienet ġiet Malta minn Londra fejn qed tgħix, għall-okkażjoni tal-kxif tal-monument ta' Dun Karm, f'Ħaż-Żebbuġ, f'Ottubru, 1971.

U la qed insemmi okkażjoni oħra nazzjonali, irrid ngħid ukoll li l-Akkademja ħadet sehem fil-festi li saru f'Ħaż-Żebbuġ bit-tqegħid ta' kuruna tar-rand f'riġlejn il-monument u l-preseńza tal-President u l-Assistent Segretarju u oħrajn fil-Lejla Mużiko-Letterarja u dak in-nhar li nkixef il-monument. L-Akkademja tieħu wkoll sehem fit-tqegħid tal-kuruni nhar it-tmienja ta' Settembru, fil-Jum ta' Tifkira jew il-Hdax ta' Novembru u fil-Festa ta' Kristu Re.

Kittieb ieħor tal-Malti, Missier il-Letteratura tagħna, Ġuże' Mus-

cat Azzopardi ġie mfakkar fi Soiree' Litteraire li saret fit-Teatru Manoel, f'Ġunju, 1970 u l-Akkademja tal-Malti flimkien mal-Kumitat Ċiviku tal-Belt tat l-awspiċju tagħha.

Jien u nsemmi wieħed wara l-ieħor il-kittieba tal-Malti li llum jinsabu rieqda fis-sliem, ma nistax ma nsemmix lill-mibki ex-Viċi President tal-Akkademja u benefattur kbir tagħha, Dr. Anton Cremona. F'dan iż-żmien kemm ilna ma niltaqgħu l-mewt ħasditilna minn fostna lis-Sur Nin, bniedem umli, ħabib ta' kulħadd u fuq kollox ħabib ta' l-Ilsien Malti u dak kollu li hu Malti. Bejn ħsieb u ieħor li jgħaddilna bħal issa l-iktar li jnikkitna hu l-ħsieb kiefer li dak li tħabtet għalih l-Akkademja — il-vitalizju — l-ebda amministrazzjoni ma tat widen għall-krib tagħna. Kif ngħidu bl-istess idjoma 'mill-kappell li kellna sellimna'. Sellimna lis-Sur Nin bl-għotja ta' £50 fl-okkażjoni tal-Midalja tal-Fidda mogħtija lilu mill-Federazzjoni tal-Kumitati Ċiviċi, fl-1970. Kienet okkażjoni ta' ferħ li tatna okkażjoni oħra biex nuruh l-apprezzament tagħna għall-għajnuna finanzjarja li huwa kien ta lill-Akkademja bid-dritt ta' l-istampar tal-kotba mill-pinna ta' Sir Temi Żammit, għajnuna li kif nisimgħu minn fomm it-Teżorier illum tat in-nifs tal-ħajja lill-Għaqda tagħna.

Sellimna lis-Sur Nin f'ħajtu u fi kliem il-Prof. Ġuże' Galea li għamel kelmtejn ta' tifkira fil-laqgħa tal-Kunsill ta' l-10 ta' Jannar, din is-sena... ma mietx President ta' l-Akkademja tal-Malti għax ma riedx hu, għaliex huwa kien offrielu li fl-aħħar Laqgħa Ġenerali jingħatalu dan il-ġieħ.

U tajnieh l-aħħar tislima f'mewtu. Dak in-nhar tal-Funeral, wara l-kuruna tal-Akkademja, imxejna jien u l-President flimkien mas-Sur Victor Apap li hu qarib tiegħu u s-sur Ġuże' Cardona bħala membri tal-Kunsill. L-Akkademja tat ukoll kontribuzzjoni ta' £5 b'riżq il-fond għall-bini ta' monument tiegħu f'Għawdex u qed taħdem biex fiż-żewġ Gżejjer tissemma triq għalih.

Fuq l-istess nota ta' swied il-qalb irridu nfakkru wkoll il-mewt ta' Franġisk Saver Caruana li kien wieħed minn dawk li ħadem il-benniena tal-Għaqda u ta' ex-President Onorarju tagħna u kittieb u skular kbir tal-Malti, ir-Rev. Prof. A. Tabone u Mons. Pietru Pawl Saydon. Bħal issa qiegħed nirrappreżenta lill-Akkademja fil-Kumitat Nazzjonali li qed iħejji Mafkar taħt għamla jew oħra li jġib isem Mons. Saydon.

U għaliex il-ħajja hija mżewqa bin-niket u l-ferħ hekk ukoll il-ġrajjiet li żaruna f'dawn l-aħħar xhur ġabu magħhom l-ikreh u s-sabiħ. Mingħajr ma ninsew dak kollu li sewdilna qalbna, nixtieq li nagħlaq l-aħħar taqsima ta' dan ir-rapport b'tifkiriet li għamlulna ġieħ u li għandhom jiġu mniżżla xejn inqas mal-ġrajjiet li mlew id-diarju

ta' din l-Għaqda tagħna... matul dawn il-ħamsin sena. Dawn is-snin huma biżżejjed biex iħeġġuni nistqarr li fost id-dmirijiet li qdejt fl-assenza tas-Segretarju l-iżjed li wettaqt bil-qalb kienu sehmi fil-Festi ta' Għeluq il-Ħamsin Sena mit-Twaqqif tal-Akkademja u l-Għotja tal-Midalja tad-Deheb Ġuże' Muscat Azzopardi lill-poeti Anton Buttigieg u Karmenu Vassallo.

Kmieni s-sena l-oħra, l-Akkademja kienet ħatret Kummissjoni magħmula mill-Wisq Rev. Prof. Mons. K. Sant, il-Viċ.President u s-Sur Ġuże' Cardona, taħt il-Presidenza ta' Dr. Wallace Gulia biex thejji programm xieraq. ...

Fost il-ħidmiet kien hemm sensiela ta' taħditiet miftuħa mill-Prof. Mons. Sant bil-'Malti fil-Ħajja ta' Kuljum' li saret fis-Sala Mons. Gonzi, l-Istitut Kattoliku u ngħalqu b'taħdita minn Dr. Gulia: 'Il-Malti fil-Liġi u l-Amministrazzjoni" fit-Teatru ta' l-Università.

Il-qofol tal-festi kienet l-Akkademja Mużiko-Letterarja li saret fit-Teatru fit-23 ta' Diċembru taħt il-patroċinju ta' l-E.T. Il-Gvernatur Ġenerali u Lady Mamo u li għaliha kienu preżenti fost l-oħrajn, Monsinjur Isqof Kuġitur u l-Vigarju Ġenerali u l-Onor. Dr. Anton Buttigieg, Ministru Tal-Ġustizzja u Affarijiet Parlamentari.

Fid-Diskors li għamel il-President u dak li għamel Monsinjur Sant issemmew b'mod partikulari Ġuże' Muscat Azzopardi, Mons, Saydon u Monsinjur Psaila li għenu fit-twaqqif tal-Għaqda. Inqraw xogħlijiet ta' dawn il-kittieba minn membri Akkademiċi, (suġġeriment li tqajjem mis-Segretarju Propaganda) u ħa sehem il-Kor Ġesù Nazzarenu. Il-programm stampat għall-okkażjoni, xogħol li sar b'reqqa kbira mit-teżorier, jibqa' tifkira sabiħa ta' għeluq il-festi ċinkwantinarji.

Biex ngħaqqad okkażjoni ta' ferħ ma' oħra nsemmi l-aħħar ġrajja li twettqet fi ħdan l-Akkademja — l-għotja tal-Midalja Ġuże' Muscat Azzopardi. Il-Fundatur tal-Għotja, is-Sur Ġino Muscat Azzopardi din id-darba għoġbu jagħti żewġ midalji lil żewġ poeti ewlenin ta' Lsienna. Il-Kummissjoni magħmula mill-President, it-Teżorier u l-Assistent Segretarju għamilna minn kollox biex dak in-nhar li nkunu nifirħu b'Anton Buttigieg u Karmenu Vassallo, il-mistiedna li mlew l-Aula Magna ta' l-Università fit-12 ta' Frar, ikollhom l-okkażjoni kif fil-fatt ġara, li jaraw mill-qrib minhuma l-membri tal-Akkademja. Kif fisser tajjeb il-President f'waħda mil-Laqgħat tal-Kunsill, dik l-okkażjoni wriet kemm issarraf ma' l-'intelliġentia' ta' Malta l-Akkademja tagħna u kienet pass ieħor 'il quddiem biex issaħħaħ 'r-rabtiet tagħha fis-Soċjetà.

Aħna nemmnu li l-kuntatti ma' dawk li għandhom is-setgħa jgħinu ħafna biex ifissru mill-qrib id-diffikultajiet li kull wieħed min-

na jista' jiltaqa' magħhom fil-mixja tal-ħajja u għax nemmnu fil-kuntatti persunali ma tiġix okkażjoni li l-President u uffiċjali oħra tal-Kunsill ma jiddiskutux jew ma jressqux il-prinċipji fondamentali li għalihom ġiet imwaqqfa l-Akkademja jekk jaraw li jew qed jiġu mhedda jew jixirqilhom trattament aħjar.

Għidt li n-nota karatteristika fl-aħħar taqsima ta' dan ir-rapport ser tkun dik ta' ferħ u l-imrieżaq sbieħ tat-tama għandhom idawlu l-ideal li għalih, sħabi u intom u dawk li ġew qabilna issielet għalih kulħadd. Tifraħ meta tara membru akkademiku jinħatar rappreżentant tal-poplu fil-Parlament u Ministru tal-Gvern, u l-Akkademja kienet minn ta' l-ewwel li tatu ġieh. Il-Kunsill, Presidenti Onorarji u l-Membri Akkademiċi kellhom okkażjoni jiltaqgħu ma' Dr. Anton Buttigieg fi pranzu mogħti b'ġieħu, fil-Lukanda Phoenicia fil-31 ta' Lulju tas-sena l-oħra; fraħna meta l-Viċi-President, Dr. Wallace Gulia nħatar Avukat Anzjan tal-Kuruna u f'okkażjoni oħra meta s-Segretarju, is-Sur Godfrey Żarb Adami sar Assistent Direttur fid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Minn sħabna anzjani fil-Malti ngħaqadna xejn inqas bil-ferħ ma' sħabna l-ġodda li lqajna fostna f'dawn l-aħħar xhur, b'kollox 12-il Membru Akkademiku fosthom is-Sinjorina Mary Rose Gatt. Semmejt lilha biss għaliex ilha ma tinħatar mara mill-1937 meta daħlet membru is-Sinjorina Mary Mejlak.

Fi tmiem ta' din il-kronaka, ma nixtieqx li l-fwieħa taż-żahar u l-foħrija, jew il-ward imqiegħed fil-bukkett quddiem din l-Għaqda tagħna, inessi li fil-għalqa nibet ukoll l-għollieq. Problemi kellna u għad baqa', waħda minnhom hija l-publikazzjoni ta' 'Il-Malti'[1] li biex timxi 'l quddiem jeħtieġ heġġa ġdida u rieda qawwija. Il-President u l-Kunsill għamilna li stajna biex inqaċċtu x-xewk li f'xi żmien forsi iżjed minn ieħor jinbet fostna. Xi drabi rnexxielna, waqtiet oħra mhux dejjem sibna l-għodda meħtieġa, waqt li drabi oħrajn meta rnexxielna nqaċċtu l-ħażin u ż-żergħa għammiel beda jagħtina, il-kurrenti ħarqulna wħud mill-uċuħ li bdew jiftħu quddiemna.

U biex nagħlaq kif wegħidt: illum ma rridux nibku fuq l-imgħoddi. Jekk għal xi raġuni jew oħra ma rridux ninsew, inwarrbu għal ftit ħin in-nuqqas ta' ftehim, l-inżul tal-ħajja u dak li mhux dejjem qabel magħna u niftakru għall-inqas fi ġrajja jew oħra, f'punt jew ieħor li smajna f'dan ir-rapport u li fil-kuxjenza tagħna, u ta' dawk barra mill-ħitan tal-Għaqda li qatt ma raw xejn sabiħ u tajjeb, insibu li għandna ward biżżejjed biex inqegħduh bukkett ifewwaħ f'riġlejn l-għażiża patrija tagħna Malta.

(1) Minħabba nuqqas ta' spazju ma stajniex nippublikaw dan ir-rapport qabel u fil-ħin.

# JUM XITWI

Il-jum fetaħ bl-aħrax
Bix-xita w il-bard
W hekk baqa' l-jum kollu
Sal-lejla fit-tard.

Tassew rajtu kiefer
Tassew irrabjajt
X'ħin rajtni f'kamarti
Imsakkar hemm bqajt.

Mixruf wara t-tieqa
Għaddejt bosta ħin,
Nitpaxxa bil-gliegel
Ferrieħa ġejjin.

Iserpu w jinġemgħu
Jinfirdu w jogħlew
Ibaqbqu w ikaxkru
B'li sabu stagħnew.

Stħajjilthom dal-gliegel
Għaddejja mgħaġġlin
Il-ħajja tal-bniedem
Mifxula kull ħin.

Mifxula b'xi saram
Imħawwda b'xi serħ
'l hawn ġejja 'l hemm sejra
Għaliha m'hemmx ferħ.

Imsejken il-bniedem
Li jsib dat-taħwid
U jfittex il-bnazzi
Ma jmurx għand is-Sid.

Ix-xita mbagħad żdiedet
Bdiet tfaqqa' mal-ħġieġ
Il-ġmiel tan-natura
Inbidel fi ħmieġ.

Il-lejl daħal kmieni
Kulħadd għal friex tar
Lil Alla jgħid "Grazzi"
Li l-jum fittex mar.

Mhux hekk forsi l-bniedem
F'dil-ħajja bla sliem
Jittama f'min ħalqu
Għall-paċi 'l quddiem.

**ALFRED MASSA**
**22.1.63**

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY



# Iljieli fid-Deżert ta' Dennis Agius

**Studju minn Clementine Aveta**

F'din id-damma ta' poeżiji "Iljieli Fid-Deżert" ta' Dennis Agius, l-ideat huma oriġinali, meħuda mill-ħajja ta' l-awtur stess. Il-ħsebijiet huma marbuta wieħed ma' l-ieħor u mfissra ċar; effettivament, nistgħu ngħidu li dan il-ktieb fih poeżija waħda, twila, u mhux bosta poeżiji f'sezzjonijiet diversi bi ħsebijiet differenti. L-argument ġie żviluppat b'sens kif għandu jkun; tant hu hekk, illi dawn il-poeżiji qishom l-ewwel parti ta' awtobijografija — ħaġa tiġi wara l-oħra, deskrizzjoni wara oħra, ħsieb wara ieħor. In-natura ta' l-ideat hija aktarx filosofika u intellettwali, milli emozzjonali. Naraw li Agius għażel l-ideat tiegħu b'mod li jagħti impressjoni qawwija ta' unità artistika, u ta' sinċerità f'dan li kiteb. Dawn l-ideat huma sħieb u profondi; magħżula tajjeb u hemm bejniethom rabta "artistika", b'mod li jwasslu bla tbatija t-tqanqil li hemm f'ruħ il-poeta. Hekk kif l-istil ta' Agius huwa modern u liberu, (naraw illi l-arranġament u l-kostruzzjoni tal-versi huma tajba u flokhom. Kull linja hi marbuta bl-akbar armonija). Insibu wkoll illi l-awtur għandu vokabolarju kbir biżżejjed biex bih ifisser il-ħsebijiet bla tiġbid u tbatija. Għad illi jdaħħal kliem komuni u sempliċi, dawn fihom ċerta dinjità u qawwa, kif u fejn huma poġġuti. Naraw ukoll li jdaħħal kliem 'l hawn u 'l hemm ftit użat fil-Malti. Agius tant kien sinċier fl-ideat tiegħu li dawn jidhru tassew oriġinali. Anki s-suġġett huwa oriġinali. Fejn il-poeti l-oħra jibbażaw ix-xogħlijiet tagħhom fuq romantiċiżmu u sentimentaliżmu, Agius juża l-filosofija u dak kollu ta' madwaru bħala s-sisien għall-poeżija tiegħu. B'hekk iħallat (tajjeb ferm) ir-realiżmu mal-ispiritwalità. Dan l-ideal filosofiku huwa għoli ferm, l-aktar fl-aħħar strofa ta' "Lil hinn'.

*"bniedem ma tmutx*
*u tibqa' tgħix*
*int dak li int"*

Jurina li jrid ikun għal dejjem. Tolqotna wkoll il-mod kif Agius jibda mill-ewwel jitkellem fuq is-suġġett tiegħu, bla ma jintroduċi ħafna kliem sabiħ għal xejn.

L-awtur juża kliem li qisu jpitter dak li qed jara hu, u b'hekk, iġibilna dak quddiem għajnejna lilna wkoll għad illi aħna 'l bgħid minn fejn l-awtur kien meta ra dak li qed jiddiskrivi, aħna qisna qed naraw bl-istess għajnejn ta' l-awtur, nidħlu fil-persunalità tiegħu, u b'hekk Agius iressaqna qrib il-ġrajjiet li kienu hekk familjari u ħenjin għalih. Per eżempju, f'"il-Hemda":-

*"ħarist bħal dak is-seqer fil-għodwiet twal*

*minn dik is-sħana qerrieda tad-deżert.*
*u kont qiegħed ma' l-Għarab,*
*ma' ġenb il-kbar."*

Fil-poeżija "Mewt Għamm Baħġat" Agius ifaħħar lil ħabibu u r-reliġjon sħiħa tiegħu. Il-poeta qisu rnexxielu jqajjem lil ħabibu mill-mewt, bil-kliem ta' tifħir għalih.

*"twajjeb*
*kien u għadu*
*sebħ lil Allah ta*
*u għadu jagħti."*

*"sibt il-qawwa ta' bniedem*
*li jrid iġib f'din id-dinja*
*is-sliem."*

Agius għandu ideal tassew għoli tal-ħajja ta' wara din. F'din il-poeżija hekk sabiħa, jintroduċi ħsieb patetiku ħafna.

*"u mar*
*bħalkieku ttiekel mill-isqra tad-deżert.*
*u jiena sfajt waħdi*
*nibki l-jiem ta' Għamm Baħgat."*

Kif naraw mix-xogħlijiet tiegħu, Agius juża ħsebijiet tassew filosofiċi u b'xejra ottimisti.

*"jiena nibni l-ħażen*
*u jien ħloqtu*
*u jien*
*neqirdu."*

Naħseb li l-poeżija "Jiena" hija l-isbaħ mill-ktieb sħiħ. Nota qawwija ta' pessimiżmu u ta' solitudni żejjinha. M'hemm xejn speċjali f'dan. Li hemm sabiħ hu l-mod ta' l-għaġeb li bih Agius iġibilna dan quddiem għajnejna. Qisna naraw l-awtur stess, u qisu qed ikellimna wiċċ imb wiċċ. Għalija, l-ewwel vers hu, bla dubju, wieħed mill-isbaħ li qatt qrajt.

*"nħossni sa niċċarat*
*dwejjaq*
*..................*
*ma nistax ngħix waħdi.*
*..................*
*donni nsejt lil Alla*
*li tant isseħibt miegħu."*

Agius jittratta s-sentimenti tiegħu bħala bniedem ieħor, li miegħu jitkellem u jirraġuna. Fi "Ħsebijiet Ħosbiena" jgħid illi jrid jaċċetta dak li hu — ħaġa tajba, li ftit nies jifhmuha llum.

"U nisma'" tirrifletti l-korruzzjoni tal-bniedem hekk sew, illi aħna u naqrawha, kważi nħossu nistħu li aħna bnedmin. Il-kliem hekk realistiku qisu qiegħed poġġut hemm bħala tehdida għall-qarrej.

Il-poeta juri li għandu fidi ferm qawwija fil-poeżija "U naqra". Huwa ma użax il-mewt bħala mezz ta' ħarb mid-dinja, iżda bħala mira fil-ħajja, bħala sies sod fuqiex jibbaża l-ħajja tiegħu.

*"mewt*
*m'hemmx ħliefha*
*daqshekk jiena nemmen*
*mhux għax it-tmiem tagħtini*
*imma għax il-qawwa biex ngħix."*

Naqraw l-istess ideal f'"Is-sejba tal-jien". Agius għandu tama kbira li wara l-mewt, hemm ħajja oħra, għal dejjem.

*"għax meta tiġi l-mewt*
*ma tkunx ħlief xbieha*
*ta' dak li ġej."*

Fil-poeżija "U nibqa'" insibu paragun tassew ħelu, bejn l-awtur u insett, fejn igħid li t-tnejn, għad illi diversi, igħixu fid-dinja.

*"l-insett kuntent*
*għax qed igħix*
*u jien*
*qed ngħix*
*fl-assurdità*
.................
..................
*l-insett u jien*
*ngħixu."*

Bħala nisrani Malti, Agius ma setax iħalli barra l-konversjoni ta' pajjiżu. Fil-fatt huwa jpinġi, bi kliem ferm floku, il-konversjoni ta' San Pawl. Jiża kliem sempliċi f'din in-narrattiva "Ħmura". Iżda, hija miktuba b'tant elokwenza, li kull kelma tidher effettiva ħafna.

*"u qabdet ħuġġieġa*
*Sawlu ja Sawlu*
*għaliex tweġġagħni;*
min inti ja Sidi:
*w instema' jingħad*
*Kristu li qed tweġġa'*
*u bniedem b'qawwitu*
*f'tibdila msaħħra*
*jidħol f'qoxortu."*

Fil-poeżija "Nhar ir-riħ" insibu versi deskrittivi sbieħ ferm. Qis-

na naraw il-moviment tar-riħ quddiemna mas-siġar, ma' l-għoljiet, mal-blat, mal-baħar......

*"għaddej għaddej*
*jofroq u jiżfen*
*jitqal*
*jitqawwa*
*bla nifs ivenven."*

Għad illi Agius huma patrijott kbir, irnexxielu jagħmel l-artijiet Għarbin bħala biċċa minn ħajtu. Sar iħobb u jammira dawk in-nies, u b'hekk idejjaq il-fruntiera kbira tal-baħar bejn pajjiżhom u pajjiżu.

Ta' min jinnota wkoll li bosta awturi kbar Maltin jużaw kliem barrani fil-versi tagħhom. Naraw illi Agius ma jużax ħlief kliem Malti Semitiku — tagħlima għal dawk li jaħbu li l-Malti mhux għani biżżejjed.

# L-ILĦNA MAĦNUQA

L-ilħna maħnuqa jidwu kuljum fija
x'ħin l-univers għajjien jixgħel f'lewn ieħor
mitluq donnu liżar fuq ġisem mejjet.

Staqsejt x'inhuma lill-oraklu għoli
li s-soltu ma jweġibx it-talba tiegħi.

U jien staqsejt x'inhuma lili nnifsi:
Muntanji li m'għamilhom ħadd jitgerbu
bħal kobob mitluqin ma' xfar it-taraġ
li ttiekel bis-saqajn?
Għaxart iswaba' maħkumin min-nervi
itektku bla mistrieħ fuq wiċċ ta' mejda?
Skeletri jsabbtu l-għadam li jixxaqqaq
ma' l-erba' rkejjen ta' qabarhom minsi?
Erwieħ jistqarru dnubhom f'katakombi
li jdamdam waqt li jtenni kelma waħda
bħall-moħħ marid magħsur f'idejn psikjatra?

Ma nafx inwieġeb u se jkolli nibqa'
inqalleb fit-taħwid tad-deżert tiegħi.

**1971.** **Oliver Friggieri**

# "ŻMIEN L-ISPANJOLI"

## Ta' ĠUŻE' GALEA

**Studju ta' Patri D. Fenech, B.A. (Gen.), B.A. (Hons.), M.A., O.S.A.**

Ġuże' Galea beda jikteb bil-Malti meta kien għadu student fl-Università fl-1926 bil-kitba tan-novella tiegħu "Hena u Ġid" meta kien għad għandu 25 sena. B'din il-kitba rebaħ l-ewwel premju f'konkors imniedi mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti. Hekk hu beda ħajja ta' kitba ta' proża u poeżija, imma l-iżjed li kiseb isem kien fil-qasam tal-kitba tar-rumanz.

L-ewwel rumanz li kiteb Galea kien *Żmien l-Ispanjoli.* B'din il-kitba wkoll daħal għal konkors ieħor. Kien il-konkors imniedi mill-Gvern biex iħajjar liż-żgħażagħ Maltin jagħtuha għall-kitba ta' din il-għamla u jgħinu fil-bini tal-letteratura Maltija li kienet għadha fi tfulitha. Galea ħa t-tieni premju, waqt li Ġuże' Aquilina ħa l-ewwel b'*Taħt Tliet Saltniet.* Kienet is-sena 1937.

Ir-rumanz *Żmien l-Ispanjoli* fih erba' taqsimiet. Fl-ewwel waħda naraw lil Malta meta kienet għadha kemm ingħatat bħala fewdu lil Monroi. Il-Maltin kienu mxewxin bl-ikraħ kontra tiegħu talli f'dawn il-gżejjer ma kien qed jara xejn jekk mhux kif itemm ir-regħba kbira li kellu għall-flus. Riedhom iħallsu t-taxxi fuq il-qamħ li kien ġieb minn Sqallija. Imbagħad ġrat biċċa oħra. Il-furbani resqu lejn Malta b'xambekk innaħa ta' Fomm ir-Riħ, niżlu l-art u ħabtu għall-kaless li fuqu kienu Marċjan Falka, martu u bintu ż-żgħira. Monroi ried jipprofitta ruħu wkoll minn dil-ġrajja ta' niket. U ordna li r-raba' u l-irziezet kollha li Falka kellu lejn l-Imġarr jaqgħu immedjatament taħt il-ħarsien tiegħu u l-bdiewa kellhom iħallsu lilu. Barra minn dan ried li l-palazz li Falka kellu fl-Imdina jkun ukoll taħt is-setgħa tiegħu. Verna, it-tifla l-kbira ta' Falka li nzertat l-Imdina meta l-furbani ħabtu għall-kaless ta' missierha, kellha wkoll tgħaddi taħt il-ħarsien tiegħu sakemm ikollha ħamsa u għoxrin sena jew sakemm missierha jeħles mill-jasar. Dawn l-ordnijiet ħasdu lil kulħadd u l-kbarat Maltin faru bil-qilla. Il-Kunsill Popolari għamel laqgħa malajr u sar ħafna tħaqqiq. L-iżjed li ħadha bi kbira kien il-Ġurat Franġisk Gatt, silf Marċjan Falka li kien ġabar miegħu bħala zijuha lil Verna. Xi kbarat Maltin kellmu lil Monroi u l-Università stess kitbitlu biex tiftaħlu għajnejh. Imma kien kollu ta' xejn. Anzi żied jordna lis-suldati tiegħu ħalli jmiddu idejhom fuq il-palazz ta' Falka fl-Imdina u biex jiġbru l-qbejjel u jdaħħlu l-ħaraġ li kien ħaqqu bħala sid mill-oqsma kollha li kellu Falka.Hekk naraw ġlieda kbira fl-Imġarr

u oħra aqwa fuq is-Saqqajja. Il-Maltin taw u qalgħu. Imma ma qatgħux qalbhom. Anzi meta raw id-demm ma bdew iqisu xejn aktar. Fuq is-Saqqajja xi Maltin mietu wkoll. Għalhekk ir-Rabtin ġiebu xi tilari tal-ħobż mingħand furnar li kien ħdejn il-kunvent ta' Santu Wistin, middew il-mejtin fuqhom u bdew iduru mar-Rabat. Wara li daru mar-Rabat kollu, u qajmu riefnu minn kull fejn għaddew, ħafna minnhom ġibdu lejn l-irħula: min ġibed lejn il-Mosta, min lejn Ħ'Attard u min lejn is-Siġġiewi. Hekk Malta qabdet ħuġġieġa waħda kontra Monroi.

Sa fl-aħħar il-Maltin marru jaħbtu għall-Kastell ta' Monroi fil-Birgu. U għalkemm il-pont tal-Kastell kien imtella', il-Maltin malajr sabu ruħhom fih bis-saħħa ta' travi u ħwejjeġ oħra. Saret ħerba ma' kullimkien u Monroi dabbar rasu fuq ġifen u telaq lejn Sqallija. Imma warajh ħalla lil martu u lil bintu. Donna Kostanza, martu, u Ena, bintu, kienu f'kamra mwarrba ma' ġenb is-setaħ li jagħti għal fuq il-baħar. Bħala għajnuna tagħhom sabu lil Ġorġ Farruġ li malajr aljina l-Maltin billi ħeġġiġhom imorru jaħbtu għall-ixpruni mgħobbijin bil-qamħ. Hekk kif obdewh ħarrab lil dawn iż-żewġ nisa fuq dgħajsa. L-ewwel ma ħadhom kien Ħal Qormi, għand il-Kurat Dun Nurat, li kien jiġi zijuh. Imbagħad Bendu Gatt, iben il-Ġurat Gatt, li nsibuh dejjem jiġri ma' Ġorġ Farruġ, ħareġ b'waħda minn tiegħu li għoġbot ħafna lill-Kurat: "Naħseb li l-Kuntissa u bintha aktar ikunu mħarsin tajjeb... jekk jintelqu f'idejn il-Kbarat ta' l-Università." Kaless ġie malajr għalihom, u wara ftit naraw lil Kostanza, Ena, Ġorġ Farruġ u Bendu Gatt deħlin fil-palazz tal-Ġurat, is-Sur Franġisk Gatt. Imbagħad, b'xewqa tal-Kunsill, Kostanza u Ena marru joqogħdu ma' waħda xwejħa Spanjola li kienet toqgħod l-Imdina. Id-Dejma bdew jagħmlu għassa lejl u nhar ma' dik id-dar biex ħadd ma jissogra jirfes lejha.

Sa dan it-tant, Monroi laħaq mar għand il-Viċi-Re ta' Sqallija u tah il-versjoni tiegħu. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill Popolari ħatar żewġ Kanonki tal-Katidral, Dun Katald Cusburella u Dun Girgor Bunell, biex imorru bħala ambaxxaturi ta' l-Università għand ir-re Alfonsu u jressqulu quddiemu memorjal. Hekk tintemm l-ewwel taqsima tar-rumanz.

Għalkemm *Żmien l-Ispanjoli* jittratta ħafna elementi storiċi, ma ndumux ma ninnotaw li l-ktieb mhux ktieb ta' l-istorja. Il-fond tar-rumanz biss hu storiku. U għalkemm għandna deskrizzjonijiet ta' ġlied, ta' kaċċa, ta' sarar (fil-Marsa) u ta' ħwejjeġ oħra, ninnutaw ukoll intreċċi tal-imħabba. Galea, meta kiteb ir-rumanz kellu fi ħsiebu li juri li anki bil-Malti nistgħu nittrattaw suġġetti li fihom tidher l-imħabba kortiġjana (courtly love; amour courtois). Hekk, per eżempju, sa mill-ewwel taqsima ninnutaw l-imħabba ta' Ġorġ Farruġ lejn bint Monroi, Ena.

L-imħabba Kortiġjana kienet il-qofol fil-għana tat-trovaturi. U nistgħu ngħidu li hi mħabba fost in-nies aristokratiċi. L-ewwel ma dehret

kienet fil-palazzi rjali fewdali tan-nofs-in-nhar ta' Franza fl-ewwel nofs tas-seklu tnax. Fl-intreċċi ta' l-imħabba kortiġjana ġie li nsibu tfajla nobbli li tħobb jew li tkun maħbuba minn żagħżugħ ta' klassi iktar baxxa minn tagħha. Ir-relazzjoni li tgħaddi bejn in-namrat mhux nobbli u n-namrata nobbli tkun parralella mar-relazzjoni li tgħaddi bejn il-qaddej u s-sid fis-soċjetà fewdali. Minħabba li n-namrat ikun ta' livell aktar baxx, hu jħoss li jkollu jpatti għal dan in-nuqqas billi jinqala' x'jinqala' jibqa' fidil lejha, u dejjem jara kif jagħmel biex jogħġob lilha. Min-naħa l-oħra, ix-xbejba nobbli jkollha l-milja tal-virtujiet kollha soċjali tal-ħajja fewdali.

Fit-tieni nofs tas-seklu tnax, l-imħabba kortiġjana għaddiet għat-tramuntana ta' Franza, u żviluppat ruħha f'għamla ta' ħajja iktar serja ta' moralità soċjali. Kittieb li għamel isem b'din il-għamla ta' kitba kien Chrètien de Troyes.

Il-ġrajja ta' *Żmien l-Ispanjoli* teħodna fl-ewwel nofs tas-seklu ħmistax, għall-ħabta ta' l-1429. It-tieni taqsima ta' dan ir-rumanz tittratta direttament fuq l-imħabba.

Is-Sur Franġisk Gatt kellu żewġ ġuvintur: Martin u Bendu. Issa ġara li t-tnejn tefgħu għajnejhom fuq il-qariba tagħhom Verna Falka. Martin kien tifel tassew bil-għaqal. Imma Bendu kien imtajjar u mferfex għall-aħħar. Is-Sur Franġisk ma damx ma nduna bl-imħabba ta' wliedu lejn Verna. U malajr indaħal biex jevita l-inkwiet li seta' jinqala' fuq hekk iktar 'il quddiem. Hu deherlu li Martin kien iżjed jixraq lil Verna. Għalhekk ra kif kellem lil Bendu bil-kelma t-tajba u fetaħlu għajnejh biex lejn Verna ma jħarisx aktar. Bendu ma għoġbux l-indħil ta' missieru u beda jaħseb x'kellu jagħmel. Verna, min-naħa l-oħra, iżjed laqtuha l-ġabra u l-għaqal ta' Martin, milli t-titjir ta' Bendu.

Fl-istess żmien kienet tnisslet imħabba oħra: imħabba bejn Ena Monroi, tifla nobbli, u Ġorġ Farruġ, żagħżugħ Qormi nieqes min-nobbiltà. Donna Kostanza, omm Ena, minħabba ż-żjajjar ta' spiss ta' Ġorġ Farruġ, ma damitx ma għarfet l-imħabba li kienet tnisslet bejn bintha u Farruġ. Hi ma sabet xejn xi tgħid fuq dak il-Qormi. Imma billi ma kienx nobbli, kien jonqsu l-aqwa ħaġa biex ikun jista' jieħu lil bint Grande ta' Spanja. Fuq hekk tkellmet ma' l-Ispanjola x-Xiħa li kienet qed iddur biha.

Is-Sinjura Spanjola, meta nsiru nafuha fil-ġrajja tagħna, tkun mara bil-għaqal u twajba kemm tridha. Imma għandu mnejn iż-żmien għamilha hekk. F'żgħożitha hemm min igħid li kienet għaddiet ħajja wisq differenti minn dik li kienet qed tgħaddi issa. Anzi kien hemm min qal li fi xbubitha kienet taf mill-qrib il-Kavalieri kollha ta' Kalatrava wieħed wieħed. Imma issa żmienha kienet tgħaddih titlob u terġa' titlob fil-Katidral ta' l-Imdina, u fil-Grotta ta' San Pawl-Barra. Min-naħa l-oħra

kienet tagħmel ħafna karità u tgħin lix-xebbiet li jkunu f'xi fettuqa. Fl-għoxrin sena li kien ilha hawn Malta, bagħtet saħansitra xi erba' xbejbiet Maltin fi Spanja biex isiru sorijiet hemm. Fil-każ ta' Ena, l-Ispanjola dehrilha li aħjar taqta' ż-żarda mill-ewwel u tbiegħed liż-żewġ żgħażagħ minn xulxin. Għalhekk ħeġġet lill-Kuntissa biex iddaħħal lil bintha mas-sorijiet ta' San Benedettu ħalli fil-kwiet tal-Kunvent taħseb sewwa x'kellha tagħmel. Hekk Ena tinġabar fil-hemda u l-ġabra tas-Sorijiet Benedittini. U Ġorġ Farruġ jibqa' diżappuntant għall-aħħar.

Iż-żewġ sfortunati, Bendu Gatt u Ġorġ Farruġ, iltaqgħu u tkellmu fuq ix-xorti ħażina tagħhom. Ġorġ ħa l-inizjativa f'idejh biex isib soluzzjoni għal din ħajjithom imdallma. U ftiehmu li jitilqu flimkien ma' xini Grieg li kien marbut fix-xatt tal-Birgu. Hekk, wara ftit, insibu liż-żewġt iħbieb f'Tunes, jaħdmu bħala furbani. Huma kienu wkoll preżenti f'dar fil-Marsa, fit-Tuneżija, meta erba' furbani oħra kienu qegħdin jiftiehmu biex jaħbtu għal Malta. It-tieni taqsima tispiċċa bil-ftehim li s-sitt furbani jiġu hawn Malta, l-erba' Misilmin biex jaħtfu u jisirqu, u ż-żewġ Maltin biex jibqgħu hawn.

It-tielet taqsima tibda tgħidilna li l-Qajd ta' Tunes webbes rasu li jaħbat għal Malta. Min-naħa l-oħra l-furbani żammew kelmthom. Hekk Malta sabet ruħha assedjata mill-għedewwa. Il-Maltin inġabru malajr fil-Birgu u l-iżjed fl-Imdina, u d-Dejma qagħdu għal-lest. Il-Misilmin ma damux ma waslu taħt l-Imdina fejn waqqfu l-kamp għal-lejl. Il-Ġenerali tal-Qajd ftiehmu biex iressqu n-nies tagħhom taħt is-swar tal-Imdina lejn il-lvant biex il-Maltin jiġru għal dik in-naħa u jintilfu hemm, fil-waqt li l-kotra l-kbira tal-Misilmin iddur kisknijiet mal-bur tal-Maħruq, tgħaddi minn Ġnien Ħira u tfeġġ minn Wied il-Għażżenin u hekk taħbat għal għarrieda għas-swar tal-punent.

Ġorġ u Bendu ma kellhomx sabar f'dak il-lejl. Għalkemm kienu saru furbani, huma baqgħu Maltin. U issa s-sens nazzjonali kellu jirbaħ. Hekk kif ġiethom ix-xoqqa f'moxtha, warrbu mill-kamp baxx baxx, u marru taħt is-Sur tal-Banka tal-Ġurati. Hemm Ġorġ rabat nitfa ta' parċmina ma' denb ta' vleġġa u fajjarha għal fuq is-sur. Hekk il-Maltin ta' ġewwa l-Belt saru jafu bil-qerq tal-eżerċtu li kien qed jattakkahom. Hekk meta dawn marru kisknijiet biex jattakkaw is-swar tal-punent, il-Maltin taħt it-tmexxija ta' Martin Gatt qabżu fuqhom u ħaduhom għal għarrieda u ħarbtuhom.

Meta f'Malta reġgħet waqgħet il-kalma, naraw lill-Ġurat Gatt flimkien ma' ibnu l-kbir Martin imur għall-kaċċa fuq ix-xaqliba ta' l-Istabar. Meta Martin kien sejjer lura biex jara lil Verna għax kienet ħadet ħsiebu, daqs tnax-il ruħ qabżu fuqu meta hu u l-qaddej kienu fit-trejqa tal-Ħlas. Martin intlaqat minn ħaġra ta' żbandola u waqa' fl-art mitluf barra minn sensih. Wieħed mit-tnax li semmejna kien Bendu. Kien dan

ukoll li ta l-ordni lil sħabu biex jieħdu ħsieb Martin. Imbagħad mar malajr għand missieru, u ħarriflu kemm felaħ biex igħidlu xi ġralu. Is-Sur Franġisk għela ħafna għat-telfa ta' ibnu l-kbir u qatagħha li jmur joqgħod fid-dar ta' Ħal Farruġ biex iderri.

Verna, li kienet leħqet ħadet parir mingħand l-Ispanjola u tatha l-kelma li tidħol mas-Sorijiet ta' San Benedettu sa ma jerġa' lura Martin, fettlilha tilbes ta' pellegrin u ħarbet mid-dar ta' zijuha bil-lejl. Meta kienet fi triqtha qabżu fuqha tmienja min-nies, u ħadd ma kien jaf x'sar minnha. Imma dawk li serquha, kien mingħalihom serqu żagħżugħ għax kienet liebsa kabozza ta' pellegrin. Għalhekk il-ħallelin sakkruha ma' l-irġiel fil-moħba tagħhom, fil-Palazz il-Ġdid.

Fl-istess lejl, il-galantomi tal-palazz il-ġdid għamlu serqa oħra. Serqu lil Marċjan Falka u 'l binthom iż-żgħira Żina li kienu għadhom kemm waslu Malta. Dak il-ħin kienu qed jaqsmu fuq il-pont ta' Wied il-Kbir. Dawn it-tliet priġunieri ġodda sabu ruħhom ukoll maqfulin fil-Palazz il-Ġdid. Lil Marċjan tefgħuh ma' l-irġiel, u lil martu u 'l bintu Żina, man-nisa.

Kif stenbaħ fil-għodu, fit-taqsima ta' l-irġiel kien hemm għaġeb kbir. Għaliex hekk kif daħal l-ewwel dawl tal-jum, il-priġunieri għarfu 'l xulxin. Kienu: Verna, Marċjan u Martin. Is-Sur Marċjan igħid kif kienu misruqin minn Fomm ir-Riħ u kif sabu ruħhom fil-Barberija. Bastjan il-Burdnar kien qaleb Mislem. Huma kienu nfdew bis-saħħa tar-Re Alfonsu wara t-tħabrik tal-Kanonku Bunell.

Imma malajr insiru nafu li wieħed mill-galantomi kien Bastjan il-Burdnar tas-Sur Marċjan. Dan sar magħruf wara li hu ħa l-ilma lill-priġunieri rġiel. Malli dalam u daqqet ta' l-Imwiet, Bastjan ried ipatti għal ħtijietu l-imgħoddija u ra kif għamel u ħarrab baxx baxx lil Martin, u lil Marċjan b'martu u b'uliedu. Iżda mħabba x-xita li kienet nieżla daħlu f'għar, u hemm sabuhom is-suldati tad-Dejma taħt it-tmexxija tal-Alfier Kalì. Wara ftit indunaw bihom il-galantomi tal-palazz u saret taqtigħa ġdida. Marċjan u qrabatu ħelsuha għal ftit. Imma n-nies tal-Palazz il-Ġdid baqgħu jħaqquha li kien għad għandhom dritt fuq il-priġunieri tagħhom. Għalhekk waslu għal patt li l-kwistjoni tinqata' bil-ħaqq ta' l-Armi. Hekk nidħlu fir-raba' taqsima u nsiru nafu mill-ewwel li wasal Malta r-Re Alfonsu.

Il-Ħaqq ta' l-Armi bejn ta' Gatt u dak tal-Palazz il-Ġdid kellu jinqata' l-Ħadd fil-għodu fil-Marsa. In-nies inġabret minn Malta kollha biex tara dik il-galanterija. Marru wkoll is-suldati tad-Dejma, il-fizzjali Maltin, il-Lanez Spanjoli, ħafna Kavalieri, ir-Re, il-Kbarat tal-Gvern, erba' Ġurati ta' l-Università, il-Ħakem u nies oħra. Il-kumbattenti kienu Martin Gatt u l-Kampjun l-Iswed. Mill-ewwel laqgħa tagħhom, kulħadd

għaraf li l-Kavalier l-Iswed kien jinqala' aktar minn Martin, għalkemm dan ma baqax lura biex joħroġ ta' raġel. Imma Martin, wara li laqa' daqqa fuq it-tarka, irnexxielu jxejjer daqqa bil-lanza b'saħħtu kollha u nifed l-armatura tal-Kavalier l-Iswed li xxejjer u waqa' fl-art għal mejjet. Dun Nurat mar malajr b'salib f'idu u għolla l-vizjiera tal-ferut. U kulħadd baqa' mistagħġeb: il-Kavalier l-Iswed kien Bendu Gatt. Is-Sur Franġisk, hekk kif rah, sar isfar u jirtogħod. Il-paġġi ta' Bendu ħarbu għall-Palazz il-Ġdid u l-paġġi ta' Martin poġġew lil Bendu fuq biċċa tavla u għattewh b'biċċa bellus li ddubbatlu Żina u telqu bih għall-palazz tal-Ġurat Gatt f'Ħal Farruġ. Ir-Re Alfonsu ma stagħġibx ftit meta sar jaf min kien il-midrub. Għalhekk sejjaħ lill-Ġurat Gatt, ħadlu b'idu u għamillu l-qalb mill-aħjar li seta'. Lil Martin feraħlu wkoll għar-rebħa tiegħu. Imbagħad ġabar lill-kbarat ta' madwaru u telaq għall-Imdina. Xi wħud mill-kbarat Maltin marru wkoll mar-re, imma oħrajn marru jwasslu s-Sur Gatt f'Ħal Farruġ. Hekk spiċċa l-Ħaqq ta' l-Armi.

Bendu ma damx wisq ma beda jiġi 'l quddiem f'saħħtu. Kemm dam marid Dun Nurat kien spiss ma' ġenbu biex iqanqal fih l-indiema. Saħansitra kien jieħu miegħu wkoll lil Ġorġ Farruġ ħalli jagħmillu l-qalb. Sa fl-aħħar Bendu rranġa ma' ħuh Martin, ħadlu b'idejh u xtaqlu r-riżq fl-imħabba tiegħu ma' Verna. Ġorġ nidem ukoll minn li kien għamel, imma lil Ena ma setax ineħħiha minn quddiem għajnejh. Ir-Re Alfonsu sema' bl-imħabba ta' Ġorġ u Ena, u ried jindaħal biex din l-imħabba sseħħ u hekk jiġbed lejh l-imħabba tal-Maltin. Hu għamel żjara lill-Monasteru ta' San Benedettu u kellem fit-tul lil Ena Monroi. Dik il-lejla stess telaq kurrier lejn Sqallija b'ittra tar-Re lill-Konti Monroi u wara tlitt ijiem ġie lura u ġieb miegħu lill-Kuntissa Kostanza. Sa dan it-tant ir-Re Alfonsu kellem lil Dun Nurat u lil Ġorġ Farruġ. Imbagħad xterdet xniegħa li Ena Monroi u Ġorġ Farruġ tgħarrsu. Bħala dota ngħad li l-Konti Monroi ħafer l-għaxart elef fjorin li kien għad baqgħalhom jagħtuh. Ir-Re min-naħa l-oħra għoġbu jaħtar Kavalier ta' l-Ordni ta' San Ġorġ t'Alfama lil Ġorġ Farruġ u lil Bendu Gatt tas-sehem li kienu taw lil Malta meta s-Saraċini ħabtu għal Malta.

Il-ġrajja tispiċċa billi Ġorġ jiżżewweġ lil Ena, Bendu lil Zina, u Martin lil Verna. Fil-waqt li Martin u Verna marru joqogħdu Ħal Farruġ, Bendu u Zina marru fil-Palazz il-Ġdid.

# REĊENSJONIJIET

**MILL-PINNA TA' SAYDON: kitba miġbura minn Arthur Sammut B.A. (Hons), Dip. Educ. Guid. Edizzjoni Klabb Kotba Maltin p. 12-13.**

Il-Klabb Kotba Maltin irregala lill-qarrejja u studjużi tal-Malti ktieb ieħor fis-sensiela ta' kotba li qed joħroġ, wieħed kull xahar. Dan il-ktieb "mill-Pinna ta' Saydon" jiswa mitqlu deheb, u ma nistgħux ma rroddux ħajr lil Arthur Sammut li b'sabar u reqqa kbira rnexxielu jiġbor ix-xogħlijiet kollha ta' proża li ħallielna Saydon. Għalkemm il-pinna ta' Saydon konna nafu biżżejjed xi ssarraf, kemm kienet ħelwa, meqjusa u qawwija, b'dankollu l-kitba tiegħu kienet imxerrda f'ħafna rivisti, ġurnali u kotba, u għalhekk, imxerrda kif kienet, ħafna mill-preġju tagħha aktarx li kien jintilef fl-istima tal-ġenerazzjonijiet li għadhom telgħu u li għad iridu jiġu.

Kif igħidha s-sur Sammut innifsu dan il-ktieb ma fihx ix-xogħlijiet tal-filoloġija u l-artikli u studji fuq il-Bibbja u l-iskrittura li ħallielna Saydon. Dawn huma żewġ fergħat li jitolbu studju għalihom weħidhom. Imma x-xewqa tal-kompilatur hi li juri lil Saydon bħala kittieb oriġinali — bħala prożatur Malti. Din ix-xewqa tiegħu żgur li seħħet mija fil-mija għax f'dan il-ktieb lil Saydon narawh, kif dejjem konna nafuh, bħala wieħed mill-aqwa prożaturi ta' lsienna bi stil kollu tiegħu, stil li fih tirkaċċa l-personalità tiegħu. Saydon hu mgħallem tal-kelma Maltija: il-kelma hu jagħraf jonqoxha, isebbaħha u jagħtiha l-lewn li jogħġob lilu. Hu stilista mill-aħjar sew jekk qed jagħtina kitba narrattiva jew deskrittiva kemm ukoll jekk qed jikteb studju jew apprezzament inkella xi diskors ta' l-okkażjoni bħalma hi t-tifkira tar-rebħa tat-8 ta' Settembru. Il-kitba tiegħu hi ċara, sempliċi, naturali. Taqraha u titgħaxxaq bi ġmielha, bl-ispontaneità u l-fluwidità tagħha. Kiteb fuq iċ-ċirkostanzi tal-ħajja, ħafna drabi ċirkostanzi li mess magħhom hu bħalma nsibu fir-rakkont "Tieġ f'Raħal", f'tifkiriet ta' Londra u fl-ittra "Mewt ta' Tifel", ittra li tbaqbaq bi kliem ta' wġigħ il-qalb, dik il-qalb safja li kellu Saydon li tħoss u tħobb ħafna.

Il-ktieb hu mqassam f'diversi sezzjonijiet. kitba narrattiva li tiġbor fiha n-novelli li kiteb Saydon; traduzzjonijiet bħal fuq il-Monti, l-aħħar jiem tas-Sajf f'Bengħisa, taqbida ta' rwieħ fl-ajru u meta ma ġewx l-ajruplani. Hawnhekk irrid inżid ngħid illi lil Saydon ma narahx sempliċiment bħala prożatur imma, aktar minn hekk, narah bħala poeta għall-immaġinazzjoni fertili tiegħu, għall-ħlewwa tal-kelma u għall-versi ritmiċi. Eżempju wieħed ta' dan li qed ngħid ser nieħdu minn "Taqbida ta' Erwieħ fl-Ajru":

> "......mimdud għall-mistrieħ ta' nofs in-nhar f'dar qalb ir-raba'. Kien is-Sajf, fl-eqqel tiegħu. Żiffa ħajja kienet tħaxwex ġos-siġar tal-ħarrub, tingħi qalb il-ħbula tat-telegraf, taħbat mal-bini għoli tad-dar u ssaffar minn bejn ix-xquq tal-bibien u tat-twieqi magħluqa. U dawk il-ħsejjes, jitħalltu u jitrikkbu, jitbiegħdu u joqorbu, jogħlew u jinżlu mal-mewġa taż-żiffa, sħajjilthom ħsejjes, agħjat, ilħna ta' rwieħ jittajru u jiġġerrew fl-ajru mqabbdin f'taqbida tal-mewt ma' bniedem kiefer li mill-għoli ta' l-ajru, għamara tagħhom, irid joqtol il-ħlejjaq ħutu, bla ħtija."

Din l-idea fakkritni f'poeżija tal-ħabib tiegħi Anton Buttigieg "Swied il-Qalb" li fiha wkoll jagħti l-idea taż-żiffa tar-riħ tingħi mal-fildiferru tat-tele-

fon, u mix-xquq tal-bieb u t-tieqa bil-karba ta' l-erwieħ.

Mas-sezzjonijiet li semmejt niltaqgħu wkoll f'dan il-ktieb ma' kitbiet awtobijografiċi, ma' dramm reliġjuż u wkoll ma' xi versi bħalma hu "Il-Lejl tal-Milied" li hu poeżija djalogata u ma' diversi epigrammi li fihom tinħass qawwija u niggieża l-vina sarkastika ta' Saydon. Fuq hekk Saydon innifsu jgħidilna: "Dawn l-epigrammi huma l-karba ta' qalb muġugħa, ta' qalb li ħabbet u ma kinitx maħbuba." Saydon kellu qalb tassew sensittiva, iħobb u jgħin lill-ħbieb mingħajr ħsieb ta' interess u għalhekk l-iċken azzjoni li kienet issirlu hu kien ipinġiha kbira ħafna u kienet tweġġagħlu ferm lil qalbu. Imma Saydon, bħal Dun Karm u Ninu Cremona, kien maħbub minn kulħadd, kien ħabib ta' kulħadd.

"Mill-Pinna ta' Saydon" bi studju kritiku ta' Arthur Sammut li jurina b'mod awtorevoli lil Saydon bħala prożatur Malti, hu l-ktieb li l-istudjużi tal-Malti m'għandhomx jonqsu li jaqraw, jixtarru u japprezzaw.

**ĠUŻE' CHETCUTI**

**WARA IBSEN — Studji ta' Kritika Drammatika ta' Ġuże' Diacono. Melitensia Publications, Lux Press, 1972, pp. 188.**

Lil Ġuże' Diacono konna ilna nafuh għall-ħidma tiegħu drammatika, l-aktar għad-drammi u l-atti uniċi li hu ippublika u li tella' fuq il-palk. Konna wkoll nafuh bħala qarrej kbir ta' xogħlijiet ta' storja, kritika u teoriji drammatiċi. U konna nafu xejn inqas it-twemmin tiegħu fir-realiżmu u kif dan joħroġ fid-drammi tiegħu. Għaliex Diacono hu espert fil-qasam tiegħu, u jżomm ruħu dejjem aġġornat f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-palk. F'din il-ħaġa kellu wkoll x'jimbuttah il-fatt li hu jagħti kull sena għadd ta' lectures lill-istudenti tal-Malti fl-Università.

"Wara Ibsen" hu l-frott ta' ħidma kbira u xogħol ta' tiftix li Ġuże' Diacono wettaq ma' tul medda kbira ta' snin. Il-ktieb hu bilanċjat ħafna, u għalhekk iservi ta' daħla siewja għal min irid jistudja t-teknika drammatika moderna, u hekk jasal għad-drammi kontemporanji. Għalhekk il-ktieb jibda b'awturi barranin, imma jissokta sa ma jasal fl-awturi tagħna ta' żmienna, fosthom Diacono nnifsu. L-awtur seta' daħħal drammaturgi Maltin oħra, imma dan għad jista' jagħmlu f'xogħlijiet oħra ta' din il-għamla.

Ibsen hu ħafna drabi meqjus bħala l-missier tad-drama moderna, u għalhekk wieħed ma jbatix wisq biex jifhem għaliex ismu daħal fit-titlu tal-ktieb. Imma t-titlu ta' missier id-drama kontemporanja jixraq iżjed lil Wiġi Pirandello li jissemma wkoll ħafna drabi fix-xogħol ta' Diacono.

Għal dik, li hi storja tad-dramm modern, jiġifieri t-tagħrif ewlieni tad-drama minn Ibsen sa żmienna, il-ktieb ta' Diacono għandu dedikata l-ewwel taqsima. Fiha biss sebgħa u erbgħin paġna, imma hi twila biżżejjed biex tagħti idea ċara ta' l-iżvilupp drammatiku fl-Ewropa u fl-Amerka. Hekk, meta naslu għad-drammaturgi tagħna, inkunu nistgħu nifhmuhom u napprezzawhom aktar. F'din it-taqsima, ta' min ifaħħar il-ħila ta' l-awtur li rnexxielu jġib fi ftit kliem, u b'ċarezza kbira, dak li awturi barranin jieħdu ħafna u ħafna iżjed wisa' għalih.

It-tieni taqsima "Teatru Mxenxel f'Ruħ il-Bniedem" tagħti wkoll ħjiel storiku, imma l-qofol tagħha hu l-valutazzjoni u t-teknika tal-palk realist. Fil-fatt, din it-taqsima hi mitmuma fiha nfisha, u ma tiddependix mill-ewwel waħda. Hi kienet taħdita mogħtija fil-Kors tad-Dramm organizzat mill-Klabb tat-Teatru Manoel fl-1968.

Ġużè' Diacono ta importanza kbira lit-teatru tal-Professur Ġużè' Aquilina. Hekk naraw li minn ħames taqsimiet, tnejn huma ddedikati għalih. Fl-analiżi li huwa għamel, Diacono wera l-qawwa tal-protesta ta' Aquilina kontra s-soċjetà. Din il-protesta daqqa jagħmilha bil-miftuħ, b'idu fuq sidru u b'għajta sħiħa; u daqqa jagħmilha bil-mistur. Diacono juri kif fid-drammi t-twal, Aquilina hu serju u jipprotesta formalment. Imma mbagħad fl-atti uniċi, Aquilina jidher bħala drammaturg ċajtier, umorist u forsi wkoll xi darba farsesk, u madankollu xorta waħda juża s-swat kontra s-soċjetà. Billi Diacono għamel riferenza għar-rumanz "Taħt Tliet Saltniet", nixtiequ ngħidu li Aquilina għandu rumanz ieħor mhux ippublikat. Dan jismu "Revolver fil-Borża". Hi x-xewqa tagħna li l-awtur joħorġu għall-publiku ħalli ma jkunx xogħol mitluf.

Diacono ħalla l-aħħar taqsima għall-kummenti tiegħu dwar xi xogħlijiet drammatiċi li hu stess għamel. Din kienet biċċa xogħol iebsa, imma għal bniedem sinċier u konvint mit-twemmin tiegħu, bħal ma hu Diacono, ħafna mid-diffikultajiet jingħelbu malajr. B'dan l-istudju fuqu nnifsu, nistgħu nappiezzaw u nivvalutaw aħjar lill-awtur tagħna.

"Wara Ibsen" hu xhieda ċara li Ġużè' Diacono hu mgħallem ta' l-istorja, tat-teknika u tal-kritika drammatika. Jalla dan ix-xogħol ta' fejda jiġri f'idejn iż-żgħażagħ u, flimkien ma' l-istudju li l-istess awtur għamel fuq "Il-Fidwa tal-Bdiewa", iżid ikabbar fihom l-interess fil-palk b'mod ġenerali, u xi ħaġa iżjed fil-palk Malti.

**P.D.F.**

**"EDEN" poeżiji ta' Trevor Zahra 1972. Veritas Press pp 91**

"Eden" joffrulna ġabra ta' poeżiji mżewqa li l-poeta kiteb minn żgħożitu s'issa. Għalija Trevor Zahra għandu ftit minn Anton Buttigieg, għax it-tnejn innamraw mas-sbuħija tal-ħolqien.

It-taqsima 'mill-eden tal-bidu' tiftaħ b'għanja taż-żgħożija — il-poeżija 'Rebbiegħa'.

Ej' nimirħu qalb il-qronfol
Għax daqt jinxef u jidbiel,
Ejja ngawdu x-xemx dawlija
Għax daqt tinżel xita qliel.

Sbieħ għall-oriġinalità tagħhom 'X'inħobb', u 'Ir-Rand Ħalliem.' Il-poeżija 'Xemx u Ideal' għandha minn dik ta' Ġorġ Pisani l-"Għid taż-Żgħożija'. Sensittiv għax poeta u għax żagħżugħ, Trevor ma jistax ma jgħaddix kumment fuq il-qirda tal-bomba li teqred l-istess ħwejjeġ li jogħġbu lill-bniedem. Dan hu l-ħsieb wara l-poeżija 'Għerf u Ġenn'. Trevor mhux bħal Briffa li jfakkar lit-

tfajla fuq il-ħolm taż-żgħożija għax il-ħolm tal-ħajja bil-wisq iqarraq, u fil-poeżija 'Illum u Għada' l-poeta jikteb:

Iżda, għalfejn minn issa
nitnikket bil-ġejjieni
La l-ħajja qed tidħakli
La s'issa kollox hieni?

Sabiħa fil-kuntrasti 'Bnazzi u Maltemp'. Sens allegoriku jaħkem il-poeżija 'Imħabbti'. Kbira fiċ-ċokon tagħha ''Il-Ħnejja'. Sens ta' l-ingratitudni jidher f''Imħabba u Poeżija'. Fir-''Rebbiegħa mill-ġdid'', il-poeta jgħanni l-għanja ta' l-imħabba —

L-għasafar bejtu bejta
In-Naħal xeħda xeħda,
U l-Qlub tnejn tnejn ikattru lill-bnedmin.

Il-poeta jitbekka ż-żmien tat-tfulija fil-poeżija 'mill-Ġnejna ta' Ħajti' — żerniq ta' jum li qatt ma jerġa' jżernaq. Fit-taqsima 'mill-eden misjub', il-poeta sab li stilla l-imħabba. Hekk tixhed 'Twettiq'. Fi ''Il-Marda tar-Rebbiegħa' l-poeta jixtieq jaħrab minn din id-dinja bit-'taqlib u tgerfix' tagħha. Interessanti 'Wirja tal-Fjuri', u 'Tliet Soldi'! Laqtitni l-poeżija ''Il-Ħamsa...''

Il-ħamsa...
Jiena waħdi
Nisħet il-Qawl — Qattiel
X'ħin igħid li bogħod mill-ħarsa
Il-qalb
Taħbat tidbiel

Ix-xhieda li l-poeta dak kollu li hu sabiħ jidher fit-taqsima 'mill-eden imfewwaħ' fejn fil-poeżija 'Rebħa', Trevor jikteb 'lili rebaħ il-ħolqien'. Hekk April u Mejju' waqt li 'Sema Sajfi', Nżul ix-Xemx' u 'fir-Rebbiegħa' jixhdu dan. Sens ta' umoriżmu jidher f'ċerti poeżiji bħal 'Dal-Lejl' u 'Riħ'. Qawwija hi t-''Talba''.

Poeżiji b'xi konnessjoni mal-Milied wieħed jaqra fit-taqsima 'mill-eden tal-ġulbiena'. Iddaħħlek fl-ispirtu l-poeżija 'Inħabbrilkom', li hi ħelwa fl-iżvolġiment tagħha. B'kuntrast 'mill-eden taċ-ċipress' titkellem fuq il-mewt fejn laqtitni ħafna 'Fis-Sala ta' l-Eżami', kif ukoll 'Lil Ommi Mejta'. Il-kuntrast jinġabar fil-''Milied Iswed''.

U nokrob ma' l-għannejja
''Ninu, Ninu tal-Milied
Ommi ma tiġix aktar
Biex tagħmel il-kagħkiet''

Mill-aħħar taqsima għoġbuni 'Gżira', 'Il-Muża', 'Ħsieb', 'Katidral', 'Żmien Modern', 'Jack of all Trades', 'Aħjar', 'Beżbiżni', 'Flus' u 'Bil-lejl'.

Il-Format tal-ktieb hu sabiħ bil-qoxra tassew attraenti.

**Francis P. Mifsud**